# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 16**

**Rikors maħluf numru 266/2020/1 NC**

***Merkanti Bank Limited* (C-31608); *Merkanti Holding p.l.c.* (C-70823); u *Scully Royalty Ltd*, soċjetà estera inkorporata taħt il-liġijiet tal-Cayman Islands li jidher għaliha l-mandatarju speċjali tagħha Martin Jake Ware**

***v.***

***Raiffeisen Bank International AG*, soċjetà estera inkorporata taħt il-liġijiet tal-Awstrija; u b'dikriet tal-14 ta' Lulju 2020 l-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat inħatru kuraturi *ad litem* biex jidhru għas-soċjetà *LTC Pharma (Int) Ltd*, soċjetà estera inkorporata taħt il-liġijiet tal-Marshall Islands bin-numru ta' reġistrazzjoni 91914**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Marzu 2022 illi laqgħet eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta mressqa mill-konvenut *Raifeissen Bank*

*International AG* [“*Raiffeisen*”] u ħelset lil dan il-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi *Scully Royalty Ltd* [“*Scully*”][1] għandha disgħa u erbgħin miljun, disa’ mija u disgħa u disgħin elf, disa’ mija u disgħin (49,999,999) minn ħamsin miljun (50,000,000) sehem fis-soċjetà attriċi *Merkanti Holding p.l.c.* li hija soċjetà reġistrata f’Malta. Is-sehem l-ieħor huwa ta’ terzi. *Scully* kienet kisbet dawn l-ishma mingħand il-konvenuta *LTC Pharma (Int) Ltd* [“*LTC*”] fid-9 ta’ Marzu 2018. Il-ftehim ta’ trasferiment ta’ ishma minn *LTC* lil *Scully* kien sar fit-23 t’Awissu 2017 iżda t-trasferiment sar fid-9 ta’ Marzu 2018 meta seħħew xi kondizzjonijiet sospensivi.

3. Fl-2019 il-konvenuta *Raiffeisen* fetħet kawża f’qorti tal-Gżejjer Cayman fl-ismijiet *Raiffeisen Bank International AG v. Scully Royalty Ltd and others*. *Merkanti Holding p.l.c.* kienet imħarrka wkoll iżda tgħid illi ma ġietx notifikata u ma qagħditx għall-ġurisdizzjoni. F’dik il-kawża *Raiffeisen*, li tgħid illi hija kreditriċi ta’ dejn garantit minn *LTC*, qiegħda tfittex illi timpunja *inter alia* t-trasferiment tal-ishma f’*Merkanti Holding p.l.c.* minn *LTC* lil *Scully*.

4. L-atturi jgħidu illi t-trasferiment tal-ishma kien leġittimu. Igħidu wkoll illi l-ftehim bejn *LTC* u *Scully* huwa marbut “b’mod esklussiv mal-ishma f’soċjetà ta’ responsabbiltà limitata inkorporata taħt il-liġijiet ta’ Malta permezz ta’ ftehim regolat bil-liġi nostrana, u, għalhekk, it-transazzjoni

---

[1] B’nota tal-14 ta’ Diċembru 2020 *Scully Royalty Ltd* ċediet il-kawża kontra l-konvenuti kollha.

[*sic*[2]] ma għandha ebda konnessjoni sostantiva jew reali mal-Cayman Islands". Għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»a. … … … tiddeċiedi li l-bejgħ tal-49,999,999 ishma ordinarji tal-klassi 'A' bil-valur ta' €1 għal kull sehem fir-*rikorrenti Merkanti Holding p.l.c*. mill-intimata *LTC Pharma (Int) Ltd* lir-rikorrenti *Scully Royalty* li ġiet konkluża fid-9 ta' Marzu 2018 hija legali u ma twettqitx bl-intenzjoni li jiġu ddefrawdati kredituri;

»b. … … … tiddeċiedi illi t-transazzjoni m'għandhiex tiġi attakkata, u, konsegwentement, biex tiddikjara … … … illi l-49,999,999 ishma ordinarji tal-klassi 'A' fir-rikorrenti *Merkanti Holding p.l.c*. huma proprjetà tas-sid tagħhom li hija r-rikorrenti *Scully Royalty*;

»c. biex tiddikjara … … … illi ebda waħda mir-rikorrenti ma aġixxew b'mod illegali, *in mala fede* jew b'mod frawdolenti *vis-à-vis* it-transazzjoni, u konsegwentement tiddikjara … … … illi r-rikorrenti mhux responsabbli għad-danni li tista' tippretendi l-intimata *Raiffeisen*.«

5. *Raiffeisen* ressqet din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

»Ir-rikorrenti għandhom jikkjarifikaw fuq liema bażi qegħdin jippretendu li l-qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu din il-kawża. Mingħajr preġudizzju għal dan, … … … din il-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċiedi l-mertu ta' dan il-każ.«

6. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u ħelset lil *Raiffeisen* mill-ħarsien tal-ġudizzju għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2020 il-qorti … ordnat lis-soċjetajiet atturi sabiex jippreżentaw nota fejn jindikaw il-bażi legali li fuqha jikkontendu li din il-qorti għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi din il-kawża.

»F'nota tas-soċjetajiet atturi ppreżentata fl-4 ta' Awwissu 2020 ingħad, fost l-oħrajn, hekk:

> »"Is-soċjetajiet rikorrenti huma tal-veduta li din il-qorti għandha ġurisdizzjoni fil-konfront tal-intimata *Raiffeisen Bank International AG ai termini* ta' artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)".

»… … …

»Għandu jingħad li l-istorja wara t-tranżazzjoni in kwistjoni hija kemmxejn aktar ikkumplikata minn tranżazzjoni sempliċi ta' bejgħ

2 Il-ftehim ma kienx "kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir" (art. 1718 Kod. Ċiv. u għalhekk ma kienx "transazzjoni".

*stante* li din l-istess tranżazzjoni qiegħda diġà tiġi attakkata quddiem qorti ta' pajjiż ieħor.

»Il-fatti li wasslu għal din id-disputa huma s-segwenti. Il-bank konvenut ta b'titolu ta' self ammont sostanzjali ta' flus lill-grupp ta' kumpanniji li kien iġib l-isem ta' *MFC Group*, liema self kien garantit mill-*parent company* ta' dan il-grupp li sussegwentement biddlet isimha f'*LTC Pharma (Int) Ltd*. Bħala stat ta' fatt dak li kien *MFC Group* kien jeħtieġlu jagħmel ristrutturazzjoni tas-soċjetajiet li kienu jagħmlu l-istess grupp u, sabiex iwettaq dan, il-grupp informa lill-bank konvenut. Fl-aħħar mill-aħħar is-soċjetà li kienet qiegħda tiggarantixxi s-self inbigħet u fil-ġurnata tal-lum ma tiffurmax aktar parti mill-*Group Scully Royalty Ltd* ġà *MFC Group*.

»Skont il-bank konvenut dan l-aġir imur kontra l-kundizzjonijiet ta' self u għalhekk huma talbu li s-self jitħallas lura. Skont il-bank dawn il-flus ma tħallsux lura u għalhekk huwa fetaħ kawża quddiem il-qrati tal-Gżejjer Cayman u fil-frattemp is-soċjetà *Scully Royalty Ltd* ċediet il-kawża odjerna fil-konfront tal-konvenuti kollha.

»Il-qorti sejra issa tgħaddi sabiex tanalizza jekk għandhiex ġurisdizzjoni tisma' il-kawża odjerna jew le.

«Jirriżulta paċifiku bejn is-soċjetajiet atturi u l-bank konvenut *Raiffeisen Bank International AG* li l-analiżi li trid issir minn din il-qorti hija a bażi ta' Regolament (UE) numru 1215/2012. Il-qorti taqbel ma' dan.

»Filwaqt li s-soċjetajiet atturi jgħidu li din l-azzjoni hija bbażata fuq artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012 u li għalhekk din il-qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' l-kawża odjerna, il-bank konvenut *Raiffeisen Bank International AG* jisħaq li din l-azzjoni taqa' taħt artikolu 7(1)(a) tal-istess Regolament imsemmi u li skont hu din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni.

»Ir-regola ġenerali stabbilita taħt Regolament (UE) Numru 1215/2012 hija li persuna għandha titħarrek quddiem il-qrati tal-pajjiż li fih hija domiċiljata. Dan jirriżulta minn qari ta' artikolu 4 tar-Regolament. Minkejja dan, ir-Regolament imsemmi jagħmel numru ta' eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali u tnejn minn dawn l-eċċezzjonijiet jinsabu f'artikoli 7(1) u 7(2), liema artikoli ġew ċitati mill-bank konvenut u mis-soċjetajiet atturi rispettivament.

»Fir-rigward tal-analiżi li l-qorti trid tagħmel ta' artikolu 7(2) ta' Regolament (UE) Numru 1215/2012, il-qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet *Mittelbayerischer Verlag KG v. SM* (C-800/19) fejn il-qorti qalet hekk:

> »"26. Bħala deroga mill-ġurisdizzjoni prevista fl-artikolu 4 tar-Regolament Nru 1215/2012, jiġifieri dik tal-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-konvenut ikollu d-domiċilju tiegħu, li tikkostitwixxi r-regola ġenerali, ir-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materji ta' delitt jew kważi-delitt, stabbilita fil-punt 2 tal-artikolu 7 ta' dan ir-regolament, għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta."

»Il-bank konvenut jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-fatt li skont huwa din il-kawża hija riżultat dirett tal-kawża li hemm quddiem il-qrati tal-Gżejjer Cayman fejn it-tranżazzjoni msemmija aktar 'il fuq qiegħda tiġi kkontestata minnu. Skont il-bank konvenut il-kuntratt applikabbli u li abbażi tiegħu qed iressaq l-argumenti tiegħu huwa l-*credit facility*

*agreement* u l-*guarantee* minħabba li, skont il-bank konvenut, jekk ma tintlaqax din l-eċċezzjoni, l-analiżi li trid issir hija jekk it-trasferiment tas-soċjetajiet atturi kienx jikser il-kuntratt ta' garanzija mogħti lill-bank.

»Tenut kont ta' dak li ngħad, skont il-bank konvenut din il-qorti għandha tapplika artikolu 7(1)(a) tar-Regolament 1215/2012 li jistabbilixxi s-segwenti:

> »"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:
>
> »"(1) (a) fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni."

»Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet Saale Kareda *v.* Stefan Benkö (C-249/16) fejn il-qorti qalet is-segwenti:

> »"28. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta, minn naħa, li l-kunċett ta' "materji kuntrattwali", fis-sens tal-artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 44/2001[3], għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu fl-Istati Membri kollha u, min-naħa l-oħra, li, sabiex taqa' taħt dawn il-materji, l-azzjoni tar-rikorrent għandha tkun dwar obbligu ġuridiku aċċettat liberament minn persuna fir-rigward ta' persuna oħra.
>
> »"29. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabel xejn, li l-kriterji tal-fatturi ta' konnessjoni stabbiliti fl-artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom japplikaw għat-talbiet kollha bbażati fuq l-istess kuntratt."

»Għalhekk, sabiex ikun japplika artikolu 7(1) tar-Regolament, l-azzjoni tal-attur trid tkun dwar "obbligu ġuridiku aċċettat liberament minn persuna fir-rigward ta' persuna oħra" u għaldaqstant irid ikun hemm obbligazzjoni ġuridika bejn il-partijiet fil-kawża. Minn analiżi tat-talbiet imressqa mis-soċjetajiet atturi fil-kawża odjerna jirriżulta li l-bank konvenut ma huwiex parti mit-tranżazzjoni li s-soċjetajiet atturi qed jitolbu protezzjoni dwarha.

»Konsegwentement, il-qorti tikkunsidra li ġaladarba din l-azzjoni ma hijiex dwar obbligu ġuridiku bejn l-atturi u l-konvenuti ma jistax jiġi kkunsidrat li din l-azzjoni tikkwalifika taħt artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012.

»Stabbilit dan, il-qorti sejra issa tistħarreġ l-pożizzjoni tas-soċjetajiet atturi u *cioè* jekk l-azzjoni tagħhom tikkwalifikax bħala azzjoni ta' tort, delitt jew kważi delitt hekk kif stabbilit taħt artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012.

»L-artikolu 7(2) tar-Regolament jistabbilixxi s-segwenti:

> »"Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:
>
> [...]

[3] »Dan ir-Regolament m'għadux aktar fis-seħħ. Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament imsemmi kien jaqra hekk: "Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxija: 1. (a) f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettieq tal-obbligi f'dak il-każ"«

»"(2) fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-avveniment dannuż jkun twettaq jew jista' jitwettaq."

»Minn qari ta' dan is-sub-artikolu jirriżulta li l-azzjoni li dwarha trid tkun il-kawża trid:

»• tkun kwistjoni li għandha x'taqsam ma' tort, delitt jew kważi delitt, u

»• tinfetaħ quddiem il-qorti tal-post fejn l-avveniment dannuż ikun twettaq jew jista' jitwettaq.

»Il-qorti sejra tibda billi tistħarreġ l-ewwel test li jrid jiġi sodisfatt mill-azzjoni tas-soċjetajiet atturi u *cioè* li l-ażżjoni trid tkun azzjoni li għandha x'taqsam ma' tort, delitt jew kważi delitt. Għandu jingħad li Regolament (UE) Numru 1215/2012 ma jagħtix definizzjoni ta' x'jikkosttiwixxi każ li għandu x'jaqsam ma' tort, delitt jew kważi delitt. Jingħad ukoll li fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet Christopher Selvagi *et v.* Peter Borg (Appell Ċivili Numru 370/2003/1), il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk:

»"Jinsab, imbagħad, ippreċiżat ukoll illi "l-ħtija, meta tiġi konsiderata fl-entità ġuridika tagħha hi waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa '*aquiliana'* li titnissel minn delitt jew kważi-delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża l-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hi marbuta; mentri l-ħtija aquiliana tipresupponi fatt li minnu titnissel *ex nunc*" (Mary Vassallo *v.* Giovanni Mizzi *et*, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' April 1949). Naturalment, kif ulterjorment ritenut, 'huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' ħadd-ieħor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali; però, biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jeħtieġ li dik il-vjolazzjoni ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-eżistenti, l-għaliex anke fil-presenza ta' kuntratt jiddependi miċ-ċirkustanzi l-ġudizzju jekk il-kolpa li wieħed mill-kontraenti jaddebita lill-ieħor hijiex kontrattwali jew akwiljana. Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas tal-eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, ta' obbligazzjoni riżultanti minn kuntratt. Għal dik il-kolpa kontrattwali topponi ruħha l-kolpa akwiljana jew dilettwuża, li fl-eżistenza ta' kuntratt tivverifika ruħha però biss meta l-fatt kolpuż li jiġi magħmul ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali' (Joseph Busuttil *v.* Emmanuele Schembri", Appell Kummerċjali, 19 ta' Frar 1954)."

»Il-qorti ma' tistax toqgħod biss fuq dak li jgħidu l-qrati tagħna u dana *in vista* ta' dak li qalet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru 1988 fl-ismijiet Athanasios Kalfelis *v. Bankhaus Schröder, Münchmeyer, Hengst and Co.* and others (C-189/87) fejn ingħad hekk:

»"15. With respect to the first part of the question, it must be observed that the concept of 'matters relating to tort, delict or quasi-delict' serves as a criterion for defining the scope of one of the rules concerning the special jurisdictions available to the plaintiff. As the Court held with respect to the expression 'matters relating to a contract' used in Article 5 (1), having regard to the objectives and general scheme of the Convention, it is important that, in order to ensure asfar as possible the equality and uniformity of the rights and obligations arising out of the

> Convention for the Contracting States and the persons concerned, that concept should not be interpreted simply as referring to the national law of one or other of the States concerned.
>
> »"16. Accordingly, the concept of matters relating to tort, delict or quasi-delict must be regarded as an autonomous concept which is to be interpreted, for the application of the Convention, principally by reference to the scheme and objectives of the Convention in order to ensure that the latter is given full effect."

»Fl-istess sentenza, il-qorti kompliet bis-segwenti:

> »"17. In order to ensure uniformity in all the Member States, it must be recognized that the concept of 'matters relating to tort, delict and quasi-delict' covers all actions which seek to establish the liability of a defendant and which are not related to a 'contract' within the meaning of Article 5 (1)."

»Minkejja li din is-sentenza kienet titkellem fuq verżjoni preċedenti tar-Regolament, id-diċitura ta' dan l-artikolu baqgħet l-istess. F'dan il-kuntest, fis-sentenza mogħtija fid-29 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet *Tibor-Trans Fuvarozó és Kereskedelmi Kft. v. DAF Ttrucks NV* (C-451/18) il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet is-segwenti:

> »"23. Preliminarjament, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li hija ġurisprudenza stabbilita li, sa fejn ir-Regolament Nru 1215/2012 iħassar u jissostitwixxi r-Regolament Nru 44/2001 li ssostitwixxa l-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, kif emendata mill-konvenzjonijiet suċċessivi dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda għal din il-konvenzjoni, l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet ta' dawn l-aħħar strumenti ġuridiċi tapplika wkoll għar-Regolament Nru 1215/2012 meta dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu kklassifikati bħala 'ekwivalenti'".

»Id-definizzjoni mogħtija fil-paragrafu 17 tas-sentenza fl-ismijiet Athanasios Kalfelis *v. Bankhaus Schröder, Münchmeyer, Hengst and Co.* and others hawn fuq ċitata japplika għal każ odjern.

»Il-kawżi marbuta ma' tort, delitt u kważi delitt għandhom l-għan li jistabbilixxu ħtija tal-konvenuti li tirriżulta fi kwantifikazzjoni ta' danni a favur l-attur.

»Minn analiżi tat-talbiet tas-soċjetajiet atturi, il-qorti ma tarax li dawn jikkwalifikaw skont id-definizzjoni mogħtija fid-definizzjoni tat-termini tort, delitt u kważi delitt mogħtija fil-kawża Athanasios Kalfelis *v. Bankhaus Schröder, Münchmeyer, Hengst and Co.* and others hawn fuq ċitata. Il-qorti tgħid hekk minħabba li dak li qed jitolbu s-soċjetajiet atturi fir-rikors maħluf tagħhom huma dikjarazzjonijiet pożittivi a favur tagħhom u ma hemmx talba sabiex tiġi determinata responsabbiltà u ħtija tal-konvenuti.

»Fuq talbiet ta' natura simili bħal dawk fil-kawża odjerna, fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet *Bell Med Limited v. Pari Mutuel Urbain (PMU)*, entita estera (Appell Ċivili numru 822/2005/1), il-Qorti tal-Appell, filwaqt li għamlet riferenza għal artikolu 5(3) ta'

Regolament Numru 44/2001[4] (li kif ingħad aktar 'il fuq m'għadux aktar fis-seħħ) qalet is-segwenti:

> »"F'kull kaz, però, l-att impunjat irid ikollu n-natura ta' delitt jew kważi delitt, u hawn din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti fis-sens li l-aġir lamentat ma kien xejn ħlief eżercizzju mis-soċjetà konvenuta tad-drittijiet leġittimi tagħha. […] Hawn mhux każ fejn il-konvenut qed jiġi mitlub jagħmel tajjeb għal ħsara li bl-għemil tiegħu ikkaġuna lill-attur, u kwindi l-artikolu 5(3) tar-Regolament invokat ma jistax jitqies applikabbli għall-każ."

»Tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-qorti hija tal-fehma li peress li l-azzjoni ma tikkwalifikax bħala azzjoni li għandha x'taqsam ma' tort, delitt jew kważi delitt, b'hekk il-qorti ser tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni hekk kif eċċepita mill-bank konvenut *Raiffeisen Bank International AG* però mhux għar-raġunijiet mitluba minnha iżda minħabba li l-bażi dikjarata għal azzjoni tal-atturi ma tikkwalifikax. Stabbilit dan, il-qorti ma għandhiex għalfejn tistħarreġ it-tieni parti ta' artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012.«

7. L-atturi *Merkanti Bank Ltd* u *Merkanti Holding p.l.c.* ["l-appellanti"] ressqu appell b'rikors tas-6 t'April 2022, li għalih il-kuraturi għal *LTC* wieġbu fis-26 t'April 2022 u *Raiffeisen* wieġbet fl-20 ta' Mejju 2022.

8. L-ewwel aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

»L-Ewwel Aggravju: li Talba għal *Negative Declaration of Liability* hija Dikjarazzjoni Pożittiva li tinvolvi Determinazzjoni ta' Responsabbiltà u ħtija tal-Bank Konvenut

»B'mod ġenerali, is-soċjetajiet appellanti jaqblu mal-analiżi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili … … … Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bdiet mill-premessa li l-analiżi li trid issir għall-kwistjoni ta' ġurizdizzjoni hija a bażi tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 (il-*Brussels Regulation Recast*).

»Is-soċjetajiet appellanti jaqblu wkoll mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti meta sabet … illi artikolu 7(1) tal-*Brussels Regulation Recast* ma japplikax għal din il-kawża peress illi m'hijiex kwistjoni relatata ma' kuntratt:

> »"… il-bank konvenut ma huwiex parti mit-tranżazzjoni li s-soċjetajiet atturi qed jitolbu protezzjoni dwarha. Konsegwentement, il-qorti tikkunsidra li ġaladarba din l-azzjoni ma hijiex dwar obbligu ġuridiku bein l-atturi u l-konvenuti ma jistax jiġii kkunsidrat li din l-azzjoni tikkwalifika taħt artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012."

---

[4] »Artikolu 5(3) tar-Regolament imsemmi kien jaqra hekk: "Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxija: 3. f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kwasi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq."

»Però meta l-ewwel qorti waslet sabiex tinvestiga jekk japplikax minflok artikolu 7(2) tal-*Brussels Regulation Recast*, li jirrikjedi li l-azzjoni tkun waħda bbażata fuq tort, delitt jew kważi-delitt, sabet:

> »"illi, minn analiżi tat-talbiet tas-soċjetajiet atturi, il-qorti ma tarax li dawn jikkwalifikaw skont id-definizzjoni mogħtija fid-definizzjoni tat-termini tort, delitt u każii delitt mogħiija fil-kawża Athanasios Kalfelis *v. Bankhaus Schroder, Munchmeyer, Hengst and Co*. and others hawn fuq ċitata. Il-qorti tgħid hekk minħabba li dak li qed jitolbu s-soċjetajiet atturi fir-rikors maħluf tagħhom huma dikjar-azzjonijiet pożittivi a favur tagħhom u ma hemmx talba sabiex tiġi determinata responsabbiltà u ħtija tal-konvenuti."

»Is-soċjetajiet appellanti huma aggravati li l-ewwel qorti naqset milli apprezzat li talba għal *negative declaration of liability* tinvolvi determinazzjoni ta' responsabbiltà bil-konsegwenza li taqa' fl-ambitu ta' artikolu 7(2) tal-*Brussels Regulation Recast*.

»Biex waslet għal din il-konklużjoni, l-ewwel qorti bbażat ruħha fuq is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet *Bell Med Limited v. Pari Mutuel Urbain (PMU)* (App. Ċiv. nru 822/2005/1), fejn din l-onorabbli qorti kif diversament presjeduta iddeċidiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni f'dik il-kawża għaliex fl-opinjoni tagħha r-rekwiżiti ta' artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 44/2001, li huwa l-ekwivalenti ta' artikolu 7(2) tal-*Brussels Regulation Recast*, ma kinux sodisfatti fejn kien hemm biss talba għal *negative declaration of liability*:

> »"Meta dina l-qorti eżaminat it-talbiet tas-soċjetà attriċi fiċ-ċitazz-joni sabet li l-atturi qed jitolbu minnha dikjarazzjonijiet ta' respons-abbilità mhux fil-konfront tal-konvenuti imma dikjarazzjonijiet favur l-atturi li huma mxewx [*recte*, mxew] skond il-liġi, jew li huma m'humiex responsabbili ghal danni, jew dikjarazzjoni li t-talba tal-konvenuti hija illegali u biex jiġu ordnati biex jiddesistu mill-aġir tagħhom. Imkien ma hemm talba biex il-konvenuti jagħmlu tajjeb għal hsara jew danni allegatament kawżati jew li tiġi stabbilita r-responsabbilità tal-konvenuti skond l-artikolu 5(3). Għalhekk l-ewwel rekwiżit ma jirriżultax."

»Huwa sottomess … illi r-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza llum il-ġurnata ġew spostati wara referenza preliminai lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ["QĠUE"] fil-25 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet *Folien Fischer AG and Fofitec AG v. Ritrama SpA* (C-133 /11) ["*Folien Fischer*"]:

> »"Point (3) of Article 5 of Council Regulation (EC) No 44/2.001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters must be interpreted as meaning that an action for a negative declar-ation seeking to establish the absence of liability in tort, delict, or quasi-delict falls within the scope of that provision."

»Il-motivazzjoni wara din is-sentenza kienet ir-realizzazzjoni li rikors għal dikjarazzjoni negattiva sempliċiment jimplika inverżjoni tal-irwoli normali f'kwistjonijiet relatati ma' tort; madanakollu din l-inverzjoni mhix tali li teskludi rikors bħal dan mill-ambitu ta' artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001 (u konsegwentement, artikolu 7(2) tal-*Brussels Regulation Recast*).

»Dan ir-raġunament kien gie applikat ferm qabel *Folien Fischer* mill-qrati Ingliżi, meta d-Diviżjoni tal-*Queen's Bench* (Qorti Kummerċjali)

(*Commercial Court*) sostniet li talba għal *negative declaration of liability* waqgħet fl-ambitu ta' artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001 għall-finijiet ta' gurizdizzjoni[5]. Biex issostni s-sentenza tagħha, dik il-qorti għamlet referenza għall-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Tesauro fir-referenza preliminari fuq l-istess Regolament ***The Tatry*** (C-406/92):

> »"the bringing of proceedings to obtain a negative finding is entirely legitimate in every respect, is an appropriate way of dealing with genuine needs on the part of the person who brings them. For example, he may have an interest, where the other party is temporizing, in securing a prompt judicial determination if doubts exist deriving from a given contractual relationship."

»Dan jikkonferma illi, għalkemm il-kawża odjerna hija għal *negative declaration of liabilty*, tissodisfa r-rekwiżiti ta' artikolu 7(2) tal-*Brussels Regulation Recast*, li huma s-segwenti (u dan kif saħqet il-QĠUE fi *Austro-Mechana*[6] u varji deċiżjonijiet ikkwotati fl-istess):

> »a. "action with seeks to establish the liability of a defendant" u
>
> »b. "[action which] does not concern matters relating to a contract."

»Fir-rigward tat-tieni rekwiżit, u kif intqal hawn fuq, l-ewwel qorti sabet li din il-vertenza ma tikkunċerna l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ta' din il-kawża, u għalhekk m'hijiex kwistjoni reiatata ma' kuntratt għaliex ma hawn l-ebda '*freely assumed obligation*' mir-rikorrenti fil-konfront tal-bank intimat (jew *vice-versa*).

»Għalhekk huwa ċar li l-bażi dikjarati għall-azzjoni tar-rikorrenti tikkwalifika, għaliex hija kwistjoni relatata ma' delitt u taqa' fl-ambitu ta' artikolu 7(2) tal-*Brussels Regulation Recast*.«

9. *Raiffeisen* wieġbet hekk:

»L-ewwel aggravju tas-soċjetajiet appellanti huwa bbażat fuq l-argument żbaljat li l-ewwel onorabbli qorti naqset milli tqis li talba għal *negative declaration of liability* tikkonsisti f'talba għal determinazzjoni ta' responsabbilità u li, għalhekk, għandu japplika l-artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxxi-ment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) ("*Brussels Recast Regulation*").

»Filwaqt li l-bank appellat jaqbel li kif deċiż mis-*CJEU* fil-kaz ta' *Folien Fischer AG, Fofitec AG v. Ritrama SpA* (C-133/11), huwa irrelevanti jekk dak li qed jintalab huwiex *negative declaration* għaliex, essenz-jalment, il-qorti tkun qiegħda tiddeċiedi dwar l-istess mertu u fatti, huwa sottomess li mhuwiex minnu li l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra dan. Għal kuntrarju, l-ewwel qorti, wara li rat it-talbiet tas-soċjetajiet appellanti, korrettement ikkonkludiet illi l-kawża odjerna mhix waħda relatata ma' tort, delitt jew kważi-delitt u lanqas ma hija talba għal *negative declaration in tort*, minkejja li ma saritx referenza għal dan b'mod espliċitu. Dan għaliex, kif tajjeb tinnota l-ewwel qorti, dak li qed jintalab huwa "dikjarazzjonijiet pożittivi a favur tagħhom u

---

5 »[2005] EWHC 923 (Comm)«

6 »C-572/14 [2016]«

ma hemmx talba sabiex tiġi determinata responsabbilità u ħtija tal-konvenuti".

»Dan johrog ċar mill-qari tat-talbiet tas-soċjetajiet appellanti li jiffukaw fuq l-ottjeniment ta' dikjarazzjoni li l-*Merkanti Transfer* huwa legali, li ma sarx *in mala fede* u li ma sarx biex jiġu defrodati kredituri. Filfatt, huwa rrimarkat li lanqas biss hemm talba separata dwar id-danni għaliex din hija biss parti mit-tielet talba u għalhekk ma tistax tiddetermina n-natura tal-azzjoni tal-appellanti li, fl-umili opinjoni tal-bank appellat, hija waħda kuntrattwali u taqa' taht l-artikolu 7(1) tal-*Brussels Recast Regulation*.

»Għalhekk, il-bank appellat jisħaq ill l-konklużjoni tal-ewwel qorti – li l-kawża odjerna ma tinkwadrax ruħha taht "*matters relating to tort, delict and quasi-delict*" u li, għalhekk, l-artikolu 7(2) tal-*Brussels Recast Regulation* ma japplikax – għandha mis-sewwa u jeħtieġ li tiġi kkonfermata.

»Il-bank appellat ma jaqbilx mas-soċjetajiet appellanti meta … jaqblu mal-konklużjoni tal-ewwel qorti li l-artikolu 7(1) tal-*Brussels Recast Regulation* ma japplikax għaliex il-bank appellat mhuwiex parti mill-*Merkanti Transfer*. Dwar dan, il-bank appellat jissottometti bir-rispett li l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra li l-frażi "*matters relating to a contract*" tinkludi mhux biss kwistjonijiet li għandhom x'iaqsmu ma' kuntratt bejn il-partijiet, imma wkoll kwistjonijiet li jkollhom rapport dirett ma' xi kuntratt ezistenti – bħal fil-każ odjern.

»Dan gie kkonfermat fis-sentenza tas-*CJEU* fl-ismijiet *Feniks sp. z o.o. v. Azteca Products & Services SL* (Case C-337/17) fejn, simili għall-każ odjern, ġie ffirmat kuntratt bejn kreditur u debitur u, susseg-wentement, ġie ffirmat kuntratt bejn l-istess debitur u terza persuna bi preġudizzju għall-kreditur. Dan wassal lill-kreditur jiftaħ kawża kontra t-terz sabiex il-kuntratt ffirmat bejn dan it-terz u d-debitur jiġi ddikjarat ineffettiv. Minkejja li t-terz ma kienx parti mill-kuntratt bejn il-kreditur u ddebitur, il-Qorti Ewropea kkonkludiet illi huwa dan il-kuntratt (u *cioè* dak konkluż bejn id-debitur u l-kreditur) li għandu jiġi kkunsidrat sabiex tiġi determinata l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni għaliex il-mertu tal-azzjoni joriġina mill-inadempjenza tad-debitur li jonora l-obbligi li hu liberament ikkuntratta favur il-kreditur.

»*Di più*, il-Qorti Ewropea għamlitha ċara li:

> »"It must be borne in mind in that regard that the rule of special jurisdiction in matters relating to a contract provided for in article 7(1)(a) of Regulation Nº 1215/2012 is based on the cause of action. not the identity of the parties".

»*In vista* ta' dan, il-bank appellat isostni li huwa irrilevanti li hu ma kienx parti mill-*Merkanti Transfer* u dan *stante* li, kif ikkonkludiet il-Qorti Ewropea, hija l-bażi tal-azzjoni illi trid tiġi kkunsidrata, mhux min huma l-partijiet. Fi kwalunkwe każ, il-bank appellat jisħaq illi hija l-*guarantee* li għandha tiġi kkunsidrata għal fini ta' ġurisdizzjoni u li, bl-istess mod, huwa irrilevanti li s-soċietajiet appellanti mhumiex parti għall-*guarantee*.

»Il-*Merkanti Transfer* (flimkien mat-trasferimenti l-oħra) sar bi ksur tal-*guarantee* u kien proprju dan il-ksur li wassal lill-bank appellat jintavola proċeduri fil-Cayman Islands u lis-soċietajiet appellanti jintavolaw il-kawża odjerna. Għalhekk, simili għal każ ta' *Feniks*, huwa evidenti li l-

mertu tal-azzjoni odjerna torigina mill-inadempjenza tad-debitur (f'dan il-każ, *LTC Pharma*) li jonora l-obbligi tiegħu taht il-*guarantee* konsegwenza tal-*Merkanti Transfer* u t-trasferimenti l-oħrajn kollha.

»Li kieku l-*guarantee* ma kinetx teżisti, ma kien ikun hemm l-ebda bażi għall-proċeduri fil-Cayman Islands u wisq anqas għall-proċeduri f'Malta. Tant hu hekk li jekk, *dato ma non concesso*, din il-Qorti tal-Appell kellha tilqa' l-appell interpost mis-soċjetajiet appellanti u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex (wara li jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn), jiġi deċiż il-mertu, dak li jrid jiġi determinat huwa jekk l-*Merkanti Transfer* (fid-dawl tat-trasferimenti l-oħrajn) sarx bi ksur tal-*guarantee*!

»*Di più*, il-bank appellat jinnota li l-azzjoni tas-soċjetajiet appellanti tixbah lil *negative actio pauliana*. Dan għaliex, filwaqt li *actio pauliana* tagħti s-setgħa lill-kreditur li jattakka atti magħmula b'qerq mid-debitur tiegħu li jkunu ta' detriment għalih, dak li qed jitolbu s-soċjetajiet appellanti hija dikjarazzjoni li l-*Merkanti Transfer* ma sarx b'qerq tal-krედituri u li għalhekk ma jistax jigi attakkat (l-invers ta' *actio pauliana*). Dwar dan jingħad li, kif ikkonkludiet is-*CJEU* fid-deċizjoni ta' *Folin Fischer*, biex tiġi determinata n-natura ta' kawża li t-talbiet tagħha huma għal *negative declaration*, irridu nħarsu lejn in-natura tal-*positive action*. Fil-kaz ta' *Feniks*, il-Qorti Ewropea kkonkludiet li *actio pauliana* taqa' taħt "*matters relating to a contract*" u għalhekk isegwi li kawża għal *negative actio pauliana* ukoll taqa' taht "*matters relating to a contract*".

»Għalhekk anke f'dan il-kuntest japplika l-artikolu 7(1) tal-*Brussels Recast Regulation*.«

10. Fl-essenza tagħha l-kwistjoni hija din: fil-Gżejjer Cayman hemm proċeduri mibdija minn *Raiffeisen* kontra *Scully* u oħrajn li għandhom min-natura ta' azzjoni pawljana biex jimpunjaw negozji bejn *Scully* u l-konvenuta *LTC* li permezz tagħhom assi ta' *LTC* ġew trasferiti lil *Scully*. Element tal-azzjoni hu li dawn in-negozji saru *in mala fide* u b'qerq biex iċaħħdu lil *Raiffeisen* mid-drittijiet tagħha bħala kreditriċi ta' *LTC*.

11. Fl-azzjoni quddiem il-qrati ta' Malta l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni illi n-negozju impunjat minn *Raiffeisen* huwa leċitu u "illi ebda waħda mir-rikorrenti ma aġixxew b'mod illegali, *in mala fede* jew b'mod frawdolenti".

12. Il-kwistjoni f'dan l-istadju ma hijiex jekk il-ġudizzju huwiex integru fl-assenza ta' min kien parti fin-negozju impunjat, issa li *Scully* ma għadhiex

parti fil-kawża għax ċedietha, u lanqas jekk l-appellanti – li l-patrimonju tagħhom ma jidhirx illi jintlaqat bin-negozju impunjat – għandhomx interess fl-azzjoni u jekk tagħmilx sens dikjarazzjoni li mxew *in bona fide* f'negozju bejn *LTC* u *Scully* li huma ma kinux parti fih u li għalhekk la setgħu kienu *in mala fide* u lanqas *in bona fide* f'*res inter alios acta*; il-kwistjoni hi jekk il-qrati maltin għandhomx ġurisdizzjoni.

13. Għall-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 (*Bruxelles I*) il-kunċett ta' "kwistjonijiet relatati ma' kuntratt" għandu tifsira awtonoma, u igħid sew *Raiffeisen* illi, fid-dawl tas-sentenza tal-QĠUE fl-ismijiet *Feniks sp. z o.o. v. Azteca Products & Services SL*, il-meritu tal-kawża tallum huwa dwar kwistjoni relatata ma' kuntratt, kemm dak li bih inħolqot il-garanzija bejn *LTC* u *Raiffeisen* u kemm dak ta' trasferiment ta' ishma bejn *LTC* u *Scully*; fil-fatt it-talbiet tal-atturi huma maħsuba biex il-qorti tafferma l-validità ta' dan tal-aħħar.

14. Din il-qorti iżda ma taqbilx ma' *Raiffeisen* illi l-kuntratt li miegħu hija relatata l-kwistjoni huwa primarjament dak tal-garanzija mogħtija minn *LTC* lil *Raiffeisen*; il-kuntratt illi l-atturi jridu jsalvaw ma huwiex dak tal-garanzija iżda dak tat-trasferiment ta' ishma bejn *LTC* u *Scully*, u għal-hekk huwa dan it-trasferiment li huwa l-kuntratt ewlieni li miegħu hija relatata l-kwistjoni.

15. L-art. 7(1)(a) tar-Regolament *Bruxelles I* igħid hekk:

> »Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor:
>
> »(1) (a) fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni.«

16. Il-kuntratt ta' trasferiment ta' ishma huwa dwar ishma f'soċjetà reġistrata f'Malta u għalhekk il-post ta' twettiq tal-obbligazzjoni huwa f'Malta, fir-Reġistru tal-Kumpanniji ta' Malta. Minn dan isegwi illi l-qrati ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni fuq il-meritu tal-kawża tallum.

17. Il-qorti għalhekk, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk imressqa mill-atturi, tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla' s-smigħ.

18. L-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom *Raiffeisen.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr